**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA**

**Pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) fil-Ministeru għas-Saħħa**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) fil-Ministeru għas-Saħħa.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' mija u sitt (106) ġimgħa bħala House Officer (Foundation Doctor) fil-Ministeru għas-Saħħa, li jistà' jiġi mġedded għal sena oħra u ma jeċċedix it-total ta' mija u tmienja u ħamsin (158) ġimgħa b'kollox, jekk il-Foundation Doctor ikollu bżonn tali estensjoni biex ilesti l-Programm tal-Foundation.

2.2 House Officer (Foundation Doctor) i/trid isegwi programm ta' taħriġ bil-għan li ġ/jġib il-Foundation Programme Completion Certificate (FPCC) sabiex i/tkun eliġibbli li j/tapplika għat-taħriġ ta' Speċjalist Bażiku jew Taħriġ ta' General Practitioner. Aktar informazzjoni fuq il-Foundation Programme ta' Malta li hu affiljat mal-United Kingdom Foundation Programme tinsab fuq https://fpmalta.gov.mt

2.3 Il-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.4 Peress li din il-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor), hi marbuta ma' żmien fiss, tali tikkostitwixxi raguni oġġettiva skont ir-Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss".

2.5 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li j/tinsab **fl-aħħar erba' (4) xhur** tat-terminu definit tiegħu/tagħha, j/tista' j/tapplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa/hija għandu/ha bħalissa.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni definita tfisser li kwalunkwe applikazzjoni pendenti għal pożizzjonijiet definita fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC.

**Salarju marbut mal-pozizzjoni**

3. Is-salarju marbut mal-pozizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) huwa ekwivalenti għal tarġa 5 fi Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2023 huwa €26,284.11) fis-sena. Mat-tlestija ta' sena (1) servizz sodisfaċenti fil-pożizzjoni ta' Foundation Doctor, persuna fil-ħatra tipprogressa għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2023 huwa ta' €27,178.77 fis-sena).

Foundation Trainee Specialisation Allowance ta' €3,900 fl-ewwel sena u €4,330 fit-tieni sena li jitħallsu lill-House Officer (Foundation Doctor) f'pagamenti ta' tliet xhur b'lura. Special Duty Allowance ta' €4,920 jitħallsu lill-Foundation Doctors li jaħdmu fuq bażi ta' roster. Foundation Doctors li jwettqu dmirijiet f'dawn l-oqsma ma jkunux intitolati għal allowance ta' xift.

**Dmirijiet**

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

4.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita’**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i.
   a. ċittadini ta’ Malta; **jew**
   b. ċittadini ta’ Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg bis-saħħa ta’ leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta’ kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f’(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f’Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar “Status ta’ Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi)”, jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta’ ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta’ residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; jew
   f. fil-pussess ta’ dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument ‘Status ta’ Residenza ta’ Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f’Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

**Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identita` Malta** skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

**Il-ħatra ta’ kandidati msemmija f’(b), (ċ), (d) u (e)** hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta’ **liċenzja tax-xogħol** f’dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Applikazzjonijiet jiġu wkoll ikkunsidrati minn kandidati li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u li ma jissodisfawx il-kriterji msemmija f'paragrafu 5.1 (i), dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafi 5.1 (ii) sa 5.3. Il-ħatra ta' tali kandidati teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Ingliża dment li jingħata rikonixximent xieraq lill-kandidati li għandhom ukoll il-ħila li jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija. Profiċjenza fil-lingwa Ingliża tiġi aċċettata jekk l-applikanti:

JEW

jipprovdu prova li l-kwalifika medika primarja saret bil-lingwa Ingliża;

JEW

jipprovdu ċertifikat validu ta' IELTS (International English Language Testing System) fil-punteġġ medju tal-medja ta' 7.5 jew ogħla f'kull dominju.

Aktar minn hekk, qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ, il-kandidati magħżula għandhom jirnexxu kemm f'Parti 1 u 2 tal-eżami fil-Basic Medical Maltese for HealthCare Profession tal-Universita' ta' Malta. Min jonqos li jippreżenta, sa tmiem-il perjodu ta' prova (i.e. tnax-il xahar mill-ingaġġ), evidenza li għadda b'suċċess, dan jirriżulta f'terminu awtomatiku tal-kuntratt tax-xogħol. Il-kors li jwassal uffiċjalment għal dan l-eżami huwa l-kors fil-Basic Medical Maltese for HealthCare Profession immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Universita' ta' Malta. Spejjeż tal-kors u tal-assessjar iridu jitħallsu mill-kandidati prospettivi. Madanakollu, wieħed jista' japplika għal rifużjoni ta' tali spejjeż permezz tal-Iskema tal-Edukazzjoni Kontinwa Medika (CME).

L-ispejjeż tal-kors u tal-valutazzjoni għandhom jitħallsu f' Awwissu 2024 u jammontaw għal:
Partijiet 1 u 2 il-kors sħiħ u ż-żewġ eżamijiet (Parti 1 u Parti 2 - €550
Partijiet 1 & 2 iż-żewġ (2) Eżamijiet biss (Parti 1 u Parti 2) - €100

iii. (a) kwalifikati b'Degree fil-Mediċina u l-Kirurġija mill-Universita' ta' Malta; jew
(b) kwalnunkwe kwalifika medika bażika oħra First Degree f'Livell 7 tal-MQF ta' ħames (5) snin jew aktar minn skola medika akkreditata fi Stat Membru tal-UE; jew
**(**c) degree medika mir-Renju Unit mogħtija sal-aħħar ta' 2020**,** skont Part I (a) tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tal-Kura tas-Saħħa (Kap 464 tal-Liġijiet ta' Malta).
L-imsemmija degrees jridu jkunu ingħataw mhux qabel l-1 ta' Jannar 2020 u l-kandidati kollha jridu jkunu kisbu l-imsemmija kwalifika qabel l-ingaġġ.

iv. (a) jew elenkati fir-Reġistru Proviżorju miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta skont l-Artikolu 11, subartikolu 3 tal-Att dwar il-Professjonijiet tal-Kura tas-Saħħa (Kap 464 tal-Liġijiet ta' Malta);

JEW

(b) Gradwati mill-Universitajiet barra minn dawk tal-Universita' ta' Malta għandhom jipprovdu evidenza fid-dikjarazzjoni tad-Dean imsemmija fil-paragrafu 5.1 (v) li huma jkunu eliġibbli biex jiġu kkunsidrati għar-reġistrazzjoni mill-bidu tal-Foundation Programme. Tali kandidati għandhom ukoll jiksbu **l-Ittra ta' Intenżjoni mill-Kunsill Mediku ta' Malta** li l-kwalifika tagħhom hija reġistrabbli u liema ittra għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni. Huwa tal-parir bi sħiħ li l-kandidati jagħmlu kuntatt dirett mal-Kunsill Mediku hekk kif jesprimu l-interess tagħhom, biex jiżguraw li dan il-proċess ikun konluż fil-ħin. L-Ittri ta' Intenzjoni mill-Kunsill Mediku, ma jiġux ikkunsidrati jekk jaslu iżjed tard mid-dati allokati għall-intervista, u dan jirriżulta li l-kandidati jiġu meqjusa ineliġibbli jew skwalifikati mill-proċess tal-għażla.

Tobba li jiggradwaw minn pajjiz terz iridu jeċċekkjaw mal-Kunsill Mediku ta' Malta jekk humiex eliġibbli għar-Registrazzjoni Proviżorja qabel ma japplikaw għal dan il-Foundation Programme. Ikollhom bżonn ta' Ittra ta' Intenzjoni mill-imsemmi Kunsill.

Aktar minn hekk, il-kandidati li rnexxew għandhom inevitabbilment jiksbu l-imsemmija reġistrazzjoni qabel l-ingaġġ. Għal faċilita' ta' referenza, is-sit elettroniku tal-Kunsill Mediku ta' Malta huwa (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Pages/medcounc.aspx)

(v) jipproduċi Stqarrija tad-Dekan tal-Iskola Medika (kampjun disponibbli fuq https://fpmalta.gov.mt), li hija ffirmata, datata u ttimbrata u mimlija bl-Ingliż, li tinkludi:

(a) permess biex tapplika għall-Foundation Programme f'Malta;
(b) konferma li l-applikant huwa ta' good standing fl-iskola medika u meqjus xieraq biex jippratika l-Mediċina;
(c) konferma dwar jekk il-kwalifika medika primarja (inkluża struzzjoni, eżamijiet u ammont sinifikanti ta' kuntatt kliniku mal-pazjenti) kienet/ qed titwettaq bl-Ingliż;
(d) id-data mistennija tal-kwalifika, fil-każ ta' applikanti li għadhom ma kkwalifikawx;

(ii) Dikjarażjoni li tista' tkun ivverifikata tar-ranking akkademiku f'deciles mill-iskola Medika rispettiva tal-applikant. Dan id-dokument għandu jkun għad-dispożizzjoni tal-Malta Foundation School sad-data tal-intervista. Fejn l-informazzjoni rigward ir-ranking akkademiku huwa inkonsistenti mal-grading tad-decile jew nieqes, jintuza' l-iscore akkademiku l-aktar baxx.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita jew fi grad/pożizzjoni inqas.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

***(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.***

5.3 Il-kandidati li jixtiequ eventwalment ifittxu reġistrazzjoni sħiħa mill-Kunsill Mediku f'pajjiż barra minn Malta, għandhom ifittxu l-parir mill-Kunsill Mediku rispettiv peress li l-approvazzjoni prospettiva minn uħud mill-istruzzjonijiet ta' dak il-pajjiż tista' tkun meħtieġa. Persuni li jiggradwaw minn Skola Medika tar-Renju Unit li jixtiequ eventwalment ifittxu reġistrazzjoni mal-Kunsill Mediku Ġenerali tar-Renju Unit qed jingħataw parir li jfittxu l-approvazzjoni bil-miktub mid-Dekan tal-postgraduate qabel ma jissieħbu mal-Malta Foundation Programme. Aktar informazzjoni dwar id-dokumentazzjoni meħtieġa hawn fuq tista' tkun aċċessata minn (https://fpmalta.gov.mt).

5.4 B'addizzjoni mar-rekwiżiti f'5.1 hawn fuq, **mal-bidu tal-impjieg u t-taħriġ, l-applikanti għandhom:**
(i) ikunu fil-pussess taċ-Ċertifikat validu rikonoxxut tal-Basic Life Support;
(ii) juru li fehmu u qablu mar-rekwiżiti minimi meħtieġa għat-tlestija tal-Foundation Programme billi jiffirmaw il-Foundation School Training Agreement.

5.5 Il-Kandidati li jirnexxu **għandhom jattendu għall-eżami mediku u investigazzjonijiet rilevanti ta' qabel l-ingaġġ f'Malta**, ġimgħatejn (2) qabel ma jieħdu l-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor). In-nuqqas ta' eżami mediku ta' qabel l-impjieg fil-ħin jirriżulta f'dewmien fil-provvista tal-liċenzja tax-xogħol u l-permess tar-residenza u konsegwentament l-ingaġġ. Aktar minhekk qed jigi kkjarifikat li l-eżami mediku ta' qabel l-ingaġġ u l-investigazzjonijiet relevanti, u l-kisba tal-liċenzja tal-impjieg huma mandatorji qabel il-bidu tal-ingaġġ / tahriġ, u -kandidati prospettivi ghandhom iħallu żmien bizejjed biex jissetiljaw kollox QABEL il-bidu tal-programm li hu antiċipat li jibda fis-**15 ta' Lulju 2024.**

5.6 L-Ingaġġ ta' kandidati li għaddew b'suċċess li m'humiex ċittadini ta' Malta, jew li m'humiex ċittadini tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni ta' ċittadini tal-Kroazja, jeħtieġu l-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol safejn dan hu meħtieġ mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol tiddependi fuq pre-employment health-check sodisfaċenti. Jobsplus għandu jiġi kkonsultat kif meħtieġ fuq din il-kwistjoni. Fil-każ ta' kandidati li għaddew b'suċċess li m'għandhomx liċenzja tax-xogħol, l-applikazzjoni għal liċenzja tax-xogħol issir minn min iħaddem.

5.7 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awotrità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kienux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.8 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.7 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.9 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippublikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-ministeru / dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppublikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/ tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.10 L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar l'isfel).

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/trankrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni, li għandu jinkludi Test Kliniku ta' Ġudizzju Sitwazzjonali bil-miktub segwit minn data oħra għal intervista. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 – 5.9, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni hija **17.15hrs (Ħin Ċentrali Ewropew ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023.**Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- eżami mediku;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa , 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Aktar informazzjoni dwar il-Malta Foundation Programme jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tal-Foundation School for Malta fl-indirizz https://fpmalta.gov.mt

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa (https://deputyprimeminister.gov.mt), numru tal-fax huwa +356 22992604, u l-indirizz elettroniku huwa (recruitment.health@gov.mt).

Maureen Mahoney
Direttur Ġenerali